- KREDITU -

-TPACIJA- ART. 1196; 1197 KAP 16-

- DANNI - PRESKRIZZJONI TA' SENTEJN - ART. 2153 KAP16 –

- AZZJONI LI L-HAGA MHUX TAL-KWALITA` PATTWITA –

- ARTIKOLU 1390 TAL-KAP 16 -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Marzu 2002**

**Kawza Numru: 13**
**Citazzjoni Numru: 967/99/RCP**

**Spicat JCB Limited.**

**vs**

**Power Centre Co. Ltd u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2001 gie sostitwit bl-isem 'Zak Rome Limited'**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tlett elef mija u erba' liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm3,104.24) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija, *spareparts*, u accessorji ohra mibjugha ms-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta; u li nonostante li s-socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas l-istess ammont diversi drabi hija baqghet inadempjenti; u peress li jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 - 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-istess dejn, u s-socjeta' attrici qeghda tannetti ma dan l-att affidavit skond l-artikoli msemmija (Dok. "A").

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li din il-Qorti:-

(1) Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167- 170 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef, mija u erba' liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm3,104.24) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija, *spareparts*, u accessorji ohra mibjugha mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-eventwali pagament kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota addizzjonali tas-socjeta' konvenuta tal-25 ta' Mejju 1999 a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 1999 fejn il-Qorti akkordat lis-socjeta' konvenuta ghoxrin (20) gurnata zmien sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha, u l-kawza giet differita ghall-14 ta' Jannar 2000 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 16 tal-process fejn ecceppiet:-

(1) Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici peress li s-socjeta' eccipjenti ma hijiex debitrici tas-socjeta' attrici u s-somma mitluba ma hijiex dovuta;

(2) Illi fil-fatt, mill-kunteggi jirrizulta ampjament li s-socjeta' eccipjenti hija kreditrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm1,256.36.

(3) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost parti mill-merkanzija konsenjata ma kienitx tal-kwalita' pattwita u s-socjeta' attrici ma tistax tippretendi xi hlas ghall-merkanzija difettuza.

(4) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-merkanzija ndikata fil-fatturi relattivi ma gietx ikkonsejata kollha (*short delivery),* u s-socjeta' attrici qatt ma tista' tippretendi li tithallas ghall-merkanzija li qatt ma kkonsenjat.

(5) Illi l-kunsinna ta' merkanzija mhux tal-kwalita' pattwita flimkien max-*short delivery* tal-istess ikkawzat danni lis-socjeta' eccipjenti, li ghalhekk qeghda tipprevalixxi ruhha ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici sabiex taghmel kontro-talba kontra l-istess socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta a fol. 17 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u dokumenti esebiti a fol. 18 u 23 sa 26 tal-process.

Rat il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta a fol. 19 tal-process fejn l-istess socjeta' premettiet li:-

Peress li socjeta' attrici rikonvenzjonata kienet tiffornixxi regolarment merkanzija, *spare parts* u accessorji ohra lis-socjeta' konvenuta; u li kull tant il-kunsinna ordnata ma kienitx titwassal u tigi kkonsenjata kollha kif ordnata mis-socjeta' konvenuta peress li kien ikun hemm *short deliveries*, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u li

kull tant il-merkanzija ordnata u konsenjata ma kienitx tkun tal-kwalita' pattwita kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u li r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti kienu ottimi u s-socjeta' rikonvenzjonata kienet dejjem twieghed li kienet sejra tirrimedja, fis-sens li kienet obbligat ruhha li tirrimpjazza l-merkanzija *short delivered* u li tissostitwixxi dik mhux tal-kwalita' patttwita, pero' baqghet indampjenti; u partikolarment peress li fl-1 ta' Gunju 1995 s-socjeta' rikonvenzjonata kkonsenjat lis-socjeta' esponenti 440 *life jacket* minflok l-1,441 ordnati u fatturati (Dok. "AM 3" hawn anness); u peress li s-socjeta' rikonvenzjonata iffaturat lis-socjeta' esponenti bis-somma ta' Lm4,805.74, prezz ta' 1,441 *life jacket* meta fil-fatt kienet ikkonsenjat 440 bicca biss, u b'hekk qeghda tippretendi l-hlas tas-somma ta' Lm3,338.88 ingustament ghall-merkanzija mhux konsenjata; u illi mill-kunsinna koperta mill-fattura Dok. "AM 2" anness mal-atti tac-citazzjoni kien hemm *short delivery* fis-somma ta' Lm1,022.22 u inoltre parti mill-konsenja konsistenti f'*jubilee clips* u *exhaust hoses* ma kienitx tal-kwalita' pattwita, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u peress li minhabba li s-socjeta' rikonvenzjonata ma kkonsenjatx il-merkanzija lilha ordnata kif fuq intqal, is-socjeta' esponenti sofriet danni konsistenti f'telf ta' qliegh, taxxi u VAT u dwana mhallsa minnha fuq merkanzija li qatt ma rceviet, u kumpens u spejjez ohra li ghamlet biex tissodisfa klijenti taghha li kienu lahqu xtraw minghandha *spareparts* u accessorji mhux tal-kwalita' pattwita; u peress li permezz tac-citazzjoni taghha s-socjeta' rikonvenzjonata qeghda tippretendi minghand l-esponent l-hlas ta' Lm3,104.24 bhala bilanc tal-prezz lilha

dovut minghajr ma naqset is-somma komplessiva ta' Lm4,360.60 kif fuq intqal; u li ghalhekk jirrizulta car li ghandha issir kompensazzjoni bejn il-kontendenti stante li l-esponenti huwa kreditur tas-socjeta' rikonvenzjonata fis-somma ta' Lm4,360.60 kontra s-somma ta' Lm3,104.24 li ghandu jaghti lilha, u b'hekk (minbarra l-kawzali ghad-danni) huwa kreditur nett fis-somma ta' Lm1,256.36.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta talbet li din il-Qorti:-

(1) Tiddikjara li socjeta' rikonvenzjonata ma kkonsenjatx lis-socjeta' konvenuta merkanzija konsistenti f'1,001 *life jacket* u *spare parts* u accessorji ohra fis-somma ta' Lm4,360.60, u li ghalhekk din is-somma ta' Lm4,360.60 mhiex dovuta lilha.

(2) Tiddikjara lis-socjeta' rikonvenzjonata risponsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' konvenuta bhala konsegwenza ta' nuqqas ta' konsenja lilha (*short deliveries)* da parti taghha lis-socjeta' konvenuta tal-merkanzija minnha ordnata u tordna lis-socjeta' rikonvenzjonata thallas lis-socjeta' konvenuta id-danni hekk likwidati.

(3) Tiddikjara li parti mill-merkanzija konsenjata lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici ma kienitx tal-kwalita' pattwita u adatta ghall-uzu li ghalih kienet inxtrat sabiex tinbiegh lill-terzi.

(4) Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikonvenzjonata minhabba l-fatt illi parti mill-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta ma kienitx tal-kwalita' pattwita u tordna lis-socjeta' rikonvenzjonata thallas lis-socjeta' konvenuta id-danni hekk likwidati.

(5) Tordna illi s-somma ta' Lm3,104.24 mitluba mis-socjeta' rikonvenzjonata fic-citazzjoni taghha ghandha tigi kumpensata bis-somma ta' Lm4,360.60 rappresentanti *'short deliveries'* li taghha hija kreditrici s-socjeta' konvenuta u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' rikonvenzjonata thallas lis-socjeta' konvenuta d-differenza fis-somma ta' Lm1,256.36.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikonvenzjonata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta ghall-kontro-talba taghha a fol. 21 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u tad-dokumenti esebiti a fol. 22 sa 26 tal-process.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall kontro-talba tas-socjeta' konvenuta a fol. 29 tal-process fejn ecceppiet li:-

(1) Illi preliminarjament it-tieni u r-raba' talba tas-socjeta' konvenuta huma preskritti skond il-ligi a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni preliminari, it-talbiet tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu michuda stante li ma huwiex minnu illi kien hemm ix-*short deliveries* li qed tallega li kien hemm is-socjeta' konvenuta, u wisq anqas kien hemm xi merkanzija kkonsenjata li ma kienitx tal-kwalita' pattwita.

(3) Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kieku kellu jigi ppruvat mis-socjeta' konvenuta illi fil-fatt kien hemm xi *short deliveries* u/jew merkanzija mhux tal-kwalita' pattwita, hija xorta ghandha tipprova illi fil-fatt sofriet xi danni rizultat ta' dan u tipprova l-valur tal-istess danni.

(4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-talbiet tas-socjeta' konvenuta, partikolarment it-talba numru hamsa (5), ghandhom jigu michuda stante li ma jezistux l-elementi ta' tpacija peress illi l-kreditu li qed tallega li ghandha a favur taghha s-socjeta' konvenuta ma huwiex cert likwidu u dovut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici ghall-eccezzjonijiet taghha a fol. 30 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 31 tal-process.

Rat il-verbali tad-19 ta' Mejju 2000, u tal-5 ta' Ottubru 2000, meta din il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta, fejn l-atturi gew moghtija erbghin (40) gurnata ghall-presentata tax-xhieda taghhom bil-procedura tal-affidavits, u l-kawza thalliet ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghas-6 ta' Dicembru 2001 wara l-11.00.a.m.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2000 fejn gie presentat affidavit ta' Mario Ellul u s-socjeta' attrici iddikjarat li ma ghandhiex aktar provi. Illi s-socjeta' konvenuta inghatat ordni sabiex tesebixxi x-xhieda taghha bil-procedura tal-affidavits fi zmien hamsin (50) jum, u l-kawza thalliet ghall-konkluzjoni tal-provi tas-socjeta' konvenuta ghall-1 ta' Marzu 2001.

Rat l-affidavit ta' Mario Ellul tat-28 ta' Novembru 2000 a fol 37 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2001 fejn s-socjeta' konvenuta u d-difensur taghha imsejhin diversi drabi ma dehrux, u peress li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha konvenuti, li naqsu li jidhru, u naqsu li jippresentaw l-affidavits taghhom fit-terminu lilhom moghti, l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2001.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta tal-4 ta' Mejju 2001 u d-digriet tal-Qorti tal-4 ta' Mejju 2001 fejn laqghet it-talba kontenuta fl-istess rikors u ssospendiet il-prolazzjoni tas-

sentenza, b’dan li s-socjeta` konvenuta tipprezenta l-affidavits taghha sad-29 ta’ Mejju 2001.

Rat il-verbal tad-29 ta’ Mejju 2001 fejn Dr Gauci Maistre prezenta affidavit u talab li l-isem tas-socjeta' konvenuta jigi sostitwit bl-isem "Zak Rome Limited". Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjonijieti rikjesti. Dr G Gauci Maistre jitlob li jinghata differiment biex iressaq il-provi tieghu stante li bi svista ma rax il-kontenut tad-digriet tal-4 ta' Mejju, 2001. Il-Qorti tilqa' t-talba b'dan li estendiet ghall-ahhar darba z-zmien ghall-prezentata tal-affidavits bi tlettin jum. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenuti ghat-3 ta' Lulju, 2001 bl-intiza cara li wara dak in-nhar tibqa' ghas-sentenza.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta tat-28 ta’ Gunju 2001 fejn gie prezentat l-affidavit ta’ Jesmond Mifsud (fol 48 sa 50).

Rat il-verbal tat-3 ta’ Lulju 2001 fejn xehdu Angelique Mifsud u Jesmond Mifsud u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tas-socjeta` konvenuta ghall-21 ta’ Novembru 2001.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Novembru 2001 u tal-21 ta’ Frar 2002 fejn Dr Gauci Maistre ghas-socjeta` attrici iddikjara li m’ghandux provi aktar u tratta l-kaz u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta’ Marzu 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir stante li s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' tlett elef, mija u erba' liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm3,104.24) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija, *spareparts*, u accessorji ohra mibjugha mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Illi min-naha taghha s-socjeta' konvenuta qed issostni li dan l-ammont ma huwiex dovut stante li parti sostanzjali mill-merkanzija indikata qatt ma giet ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta, u *di piu`* parti lill-istess merkanzija attwalment ikkonsenjata lanqas kienet tal-kwalita' pattwita, u fil-fatt s-socjeta' konvenuta tant kienet konvinta minn dan li sahansitra ghamlet kontro-talba sabiex il-premess jigi dikjarat, u sabiex hija tiehu lura l-flus li allegatament hallset zejda ghall-istess merkanzija mhux kkonsenjata u mhux tal-kwalita' pattwita, u anke azzjoni ta' danni sofferti allegatament minnha minhabba l-premess.

Illi s-socjeta` konvenuta in sostenn tal-allegazzjonijiet taghha minnha mresqa fil-kontro-talba prezentat zewg affidavits ta' Angelique Mifsud u Jesmond Mifsud datati 29 ta' Mejju 2002 fejn qed jallegaw illi l-konsenja indikata fid-dokument AM1 elenkata fid-*debit entry* fl-ammont ta' Lm4805.74 prezz ta' 1441 *life jackets* mhux dovut stante li

kien hemm *short delivery* ta' 1001 *life jackets* u ghalhekk l-ammont irid jigi ridott bis-somma ta' Lm3338.33c8 rapprezentanti prezz tal-istess nuqqas. L-istess lamentela ta' *short delivery* hija allegatament relattiva ghad-dokument AM2 fejn qed isostnu li kien hemm *short delivery* mill-merkanzija indikata f'dokument AM2 ghall-ammont komplessiv ta' Lm1022.22, u ghalhekk tali *short deliveries* jammontaw komplessivament ghas-somma ta' Lm4360.60 li jridu jitnaqqsu mill-ammont pretiz mis-socjeta` attrici. Illi t-tieni lamentela hija l-merkanzija indikata fl-istess dokument AM2 u partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-*jubilee clips* u l-*exhaust hoses* hija tal-kwalita` inferjuri, u ghalhekk qed jitolbu danni ghar-rigward tal-istess.

Illi min-naha l-ohra dwar l-allegazzjonijiet attrici hemm l-affidavit ta' Mario Ellul, li bhala *general manager* tas-socjeta' attrici sostna li l-istess socjeta' timporta merkanzija minn barra konsistenti f'ingenji, *spare parts* u accessorji relattati mal-istess, u s-socjeta' konvenuta kienet klijenta regolari taghhom sa mill-1994 u sal-1999 is-socjeta' konvenuta dejjem kienet regolari fil-hlas, kif jirrizulta minn Dok. "AM 1" esebit; dan il-hlas waqaf fil-bidu tas-sena 1999 fejn kien baqa' bilanc ta' Lm3,104.24, li proprja jifforma l-mertu tal-azzjoni attrici.

Illi kompla isostni li qabel l-istess kawza s-socjeta' konvenuta qatt ma ilmentat minn xejn, izda talbet zmien sabiex thallas, u kien biss mal-presentata tal-eccezzjonijiet u l-kontro-talba li huwa u s-socjeta' minnu rappresentata semghu l-ewwel darba b'dawn l-allegazzjonijiet.

Illi minn dan kollu jirrizulta fl-opinjoni ta' din il-Qorti li l-allegazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta ma gewx sostanzjalment ippruvati u dan meta kien l-oneru tas-socjeta` konvenuta li tipprova l-allegazzjonijiet minnha vantati, u dan anke ghaliex l-allegazzjonijiet tal-istess socjeta` konvenuta lanqas jidhru li huma vero simili.

Illi dan qed jinghad ghaliex mhux kredibbli li wiehed jallega li dwar merkanzija li kienet ikkonsenjata lis-socjeta` konvenuta fid-29 ta' Settembru 1995 isir ilment dwar nuqqas ta' konsenja ta' parti mill-istess merkanzija biss wara li nfethet din il-kawza fis-sena 1999 u cioe` erba' (4) snin wara.

Illi tali allegazzjoni issir aktar mhux kredibbli meta wiehed jikkonsidra li wara d-dispacc tal-istess merkanzija s-socjeta` konvenuta kif ammess mill-istess rapprezentanti taghha anke fl-affidavits taghhom hija halset l-ammont ta' Lm5,400 bhala prezz jew pagament akkont tal-istess konsenji li llum qed isiru il-lamenteli dwarhom.

Illi fl-ahharnett tali allegazzjoni tas-socjeta` konvenuta timmilita kontra dak indikat fil-*credit note* esebita` mill-istess socjeta` konvenuta innifisha bhala Dokument AM3 fejn juri li l-konsenja tal-1 ta' Gunju 1995 giet kollha ikkonsenjata fl-ammont ta' 1,441 *life jackets* u ndikata *ut sic* fl-i*statement* tal-istess socjeta` attrici esebit bhala Dok AM1 minghajr ma l-istess socjeta` konvenuta tidher li

ghamlet xi ilment tant li baqghet thallas interrottament pagamenti akkont.

Illi dan kollu jikkombacja perfettament ma dak li sostna Mario Ellul fl-affidavit tieghu fejn b'mod mill-aktar kategoriku huwa xehed li s-socjeta` konvenuta qatt ma gabet l-ebda lment dwar l-istess konsenji fuq indikati hlief wara kwazi 5 snin minn meta saret l-istess konsenja u biss wara li giet istitwita din il-kawza.

Illi dan l-istess argument japplika ghall-merkanzija li s-socjeta' konvenuta allegat li kienet *short delivered* skond Dok. "AM 2" fl-ammont ta' Lm1022.22., peress li tali merkanzija wkoll giet ikkonsenjata kif jidher mill-istess dokument AM2 u mill-provi prodotti jirrizulta li hlief ghal dak indikat f'din il-kawza u wara l-istituzjoni tal-istess is-socjeta' attrici ma irceviet l-ebda ilment dwarha. Illi jidher li dan n-nuqqas ta' azzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta jirrepeti ruhu dwar il-merkanzija li allegatament ma kienitx tal-kwalita' pattwita u dan peress li l-istess Mario Ellul sostna illi ma semgha l-ebda ilment, la verbali u lanqas in iskritt dwarha.

Illi jinghad ukoll li l-allegazzjoni dwar in-nuqqas ta' konsenja tal-*jubilee clips* u *exhaust hoses* tal-kwalita` allegatament inferjuri ma giet sostnuta bl-ebda mod u fl-opinjoni ta' din l-Qorti u in kuntest tal-premess l-affidavit ta' Jesmond Mifsud f'dan ir-rigward ma jistax jitqies bhala bizzejjed sabiex is-socjeta` konvenuta issostni t-tezi taghha f'dan ir-rigward. Illi dan qed jinghad minhabba l-fatt li fl-

ewwel lok jirrizulta li tali merkanzija kif ammess mill-istess Jesmond Mifsud kienet debitament elenkata fid-dokumenti u *statements* mibghuta lilhom mis-socjeta` attrici inkluz id-dokument AM2 minnhom stess esebit, fejn hemm lista ta' oggetti hemm deskritti u lilhom konsenjati, liema dokument hu datat 29 ta' Settembru 1995 u li dwaru jidher li ma sar ebda lment mas-socjeta` attrici hlief biss wara l-istituzzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li kif stabbilit fis-sentenza taghha "**Reuben Briffa et vs Joseph Mallia**" (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002) l-azzjoni li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita tista' tirnexxi biss jekk ix-xerrej jaghzel li jirrifjuta l-haga li s-socjeta` konvenuta ma jidhirx li ghamlet peress li accettat il-merkanzija li lilha giet spedita jew inkella jekk jaccetta l-haga dan jaccettaha bi prezz inqas fuq stima ta' Periti kollox kif indikat fl-**artikolu 1390 tal-Kap 16**. Illi mill-mod kif graw il-fatti f'din il-kawza jidher car li l-azzjoni esperita mis-socjeta` konvenuta abbazi tal-kontro-talba minnha prezentata hija dik dwar danni u mhux dik alternattivament proposta mill-istess **artikolu 1390** li jigi ndikat prezz inqas ghall-merkanzija effettivament ikkonsenjata. Illi allura stabbilit dan il-fatt jirrizulta li abbazi tas-sentenzi fuq citati l-azzjoni ta' danni proposta mis-socjeta` konvenuta ma tistax tirnexxi ghaliex fl-ebda mument ma gie pruvat li s-socjeta` konvenuta irrifjutat il-konsenja ta' tali merkanzija, anzi jidher illi din il-merkanzija giet effetivament accettata mis-socjeta` konvenuta tant li l-istess oggetti jinsabu *ex admissis* illum ghand l-istess socjeta` minkejja li ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data tal-istess konsenja.

Illi dawn il-principji gew ikkonfermati fis-sentenzi "**Nadia Cassar et vs Charles Pace noe**" (K. JDC. 13 ta' Marzu 1995), "**Scicluna vs Scerri**" (K. 16 ta' Jannar 1958 – XLII.ii.855), "**Anthony McKay vs Alfred Cassar**" (K. JF 10 ta' Dicembru 1992); "**Reuben Briffa et vs Joseph Mallia et**" (P.A. RCP 28 ta' Gunju 2001); u Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg" (P.A. RCP 28 ta' Frar 2002) u ghalhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjamenti indikati fl-istess sentenzi, b'dan li l-konsegwenza hija li la darba l-azzjoni konvenuta proposta hija dik ta' danni tali azzjoni hija ghalhekk ukoll improponibbli stante li l-merkanzija lamentata giet accettata mis-socjeta` konvenuta, u ghalhekk l-unika xelta li kellha s-socjeta` konvenuta kienet biss *ai termini* tal-artikolu 1390 li tistitwixxi kawza sabiex jigi stabbilit permezz inqas ghall-merkanzija attwalment u allegatament ikkonsenjata, haga li l-istess socjeta` konvenuta certament m'ghamlitx f'din il-kawza.

Illi dan kollu qed jinghad apparti l-fatt li minnhom infushom l-allegazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta kemm fir-rigward ta' nuqqas ta' konsenja u wkoll fir-rigward tal-allegazzjonijiet li xi merkanzija ma kienitx tal-kwalita` pattwita ma gew bl-ebda mod pruvati u wisq inqas sotanzjati. B'dan ghalhekk li minn dan kollu jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll pruvati, u huma wkoll korroborati mid-dokumenti relattivi, u fil-fatt bhala tali huma ammessi mis-socjeta' konvenuta, li qed tikkontrasta l-azzjoni attrici billi ssostni li l-konsenji tas-sena 1995 skond id-dokumenti esebiti bhala Dok. "AM 1", "AM 2", u "AM 3"

ma gewx ikkonsenjat lilha fil-valur ta' LM4,360.60 u ghalhekk in vista ta' dan, lis-socjeta' konvenuta qed issostni li ghandha tiehu l-ammont ta' Lm1,256.36, liema allegazzjonjiet tas-socjeta` konvenuta huma ghalhekk sostanzjalment infondati fil-fatt u fid-dritt kif fuq premess.

Illi fid-dawl ta' dan jigi nnutat li t-tpacija allegata mis-socjeta' konvenuta ma tistax lanqas issehh, stante li tali dejn allegat mis-socjeta' konvenuta fil-konfront tas-socjeta' attrici, in vista ta' dak li inghad aktar il-fuq, la huwa cert, determinat u lanqas dovut u dan kif prosepettat fl-**artikoli 1196 u 1197 tal-Kap 16.**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' attrici ghat-tieni (2) u r-raba' talba tal-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, jirrizulta li la darba l-istess danni hemm reklamati mis-socjeta' konvenuta jirreferixxu ghall-merkanzija li giet ikkonsenjata fis-sena 1995, u l-kontro-talba giet presentata biss fit-13 ta' Jannar 2000, jirrizulta li tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn ghat-tenur tal-**artikolu 2153 tal-Kap 16,** u ghalhekk anke din l-eccezzjoni tas-socjeta' attrici ghall-istess talbiet fil-kontro-talba fuq indikati ghandha tigi milqugha.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi min-naha l-ohra l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talba attrici,** b'dan illi:-

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta; attrici s-somma ta' tlett elef, mija u erba' liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm3,104.24) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija, *spareparts*, u accessorji ohra mibjugha mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni attrici fit-28 ta' April 1999 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba** tas-socjeta' konvenuta, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-istess kontro-talba w in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-istess, tiddikjara li t-tieni (2) u r-raba' (4) talbiet tal-istess kontro-talba huma preskritti *ai termini* tal-**artikolu 2153 tal-Kap 16, tichad it-talbiet tal-istess socjeta' konvenuta fil-kontro-talba taghha** stante li huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u wkoll it-tieni (2) u r-raba' (4) talba tal-istess kontro-talba huma wkoll preskritti skond l-artikolu 2153 precitat.

Bl-ispejjez tal-istess kontro-talba a karigu tal-istess socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Marzu 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Marzu 2002**